# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 105

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni

Volum 63

3 ta' April 2020


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/488 tat-2 ta' April 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1352/2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen** ..... 1


DEĊIŻJONIJIET


★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/489 tat-2 ta' April 2020 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħrajn tal-Balkani tal-Punent** ..... 3

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/490 tat-2 ta' April 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2014/932/PESK rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen** ..... 7


MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2020/488
## tat-2 ta' April 2020
## li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1352/2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/932/PESK tat-18 ta' Diċembru 2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 1352/2014 ([2]).

(2) Fil-25 ta' Frar 2020, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 2511 (2020).

(3) Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 2511 (2020) tenfasizza l-importanza li tiġi ffaċilitata l-għajnuna umanitarja. Barra minn hekk, il-UNSCR 2511 (2020) tistipula li l-Kumitat stabbilit skont il-paragrafu 19 tal-UNSCR 2140 (2014) jista', skont il-każ, jawtorizza attivitajiet li huma meħtieġa biex tiġi ffaċilitata l-ħidma tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' organizzazzjonijiet umanitarji oħra fil-Jemen jew għal kwalunkwe skop ieħor konsistenti mal-objettivi tal-UNSCR 2140 (2014) u l-UNSCR 2216 (2015).

(4) L-UNSCR 2511 (2020) tispeċifika wkoll li l-vjolenza sesswali fil-kunflitt armat, u r-reklutaġġ jew l-użu tat-tfal f'kunflitt armat bi ksur tal-liġi internazzjonali, huma atti li jistgħu jiġu sanzjonati.

(5) Fit-2 ta' April 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/490 ([3]), li temenda d-Deċiżjoni 2014/932/PESK f'konformità mal-UNSCR 2511 (2020).

(6) Xi wħud minn dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u għaldaqstant hija neċessarja azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex dawn jiġu implimentati, b'mod partikolari sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom minn operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.

(7) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1352/2014 jiġi emendat skont dan,

([1]) ĠU L 365, 19.12.2014, p. 147.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1352/2014 tat-18 ta' Diċembru 2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen (ĠU L 365, 19.12.2014, p. 60).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/490 tat-2 ta' April 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2014/932/PESK rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen (ara paġna 7 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1352/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 3(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Anness I għandu jinkludi persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi identifikati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet bħala li huma involuti jew li jipprovdu appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tal-Jemen, inkluż iżda mhux limitat għal:

(a) atti li jxekklu jew jipperikolaw it-tlestija b'suċċess tat-tranżizzjoni politika, kif deskritt fil-Ftehim ta' Mekkaniżmu ta' Inizjattiva u Implimentazzjoni tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf;

(b) atti li jimpedixxu l-applikazzjoni tar-riżultati tar-rapport finali tal-Konferenza għad-Djalogu Nazzjonali Komprensiv permezz tal-vjolenza, jew attakki fuq l-infrastruttura essenzjali;

(c) l-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jiksru l-liġi internazzjonali applikabbli dwar id-drittijiet tal-bniedem jew il-liġi umanitarja internazzjonali, jew atti li jikkostitwixxu abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, fil-Jemen, inkluż vjolenza sesswali f'konflitt armat, jew ir-reklutaġġ jew l-użu ta' tfal fil-kunflitt armat li jiksru l-liġi internazzjonali;

(d) atti li jiksru l-embargo fuq l-armi impost bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2014/932/PESK jew li jostakolaw il-kunsinna ta' għajnuna umanitarja lill-Jemen, jew l-aċċess għal, jew id-distribuzzjoni ta', għajnuna umanitarja fil-Jemen.";

(2) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

*"Artikolu 3a*

B'deroga mill-Artikoli 1a u 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-attivitajiet deskritti fl-Artikolu 1a;

(b) ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew li ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli,

taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, u dment li l-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun iddetermina skont il-każ li tkun meħtieġa deroga biex tiġi ffaċilitata l-ħidma tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' organizzazzjonijiet umanitarji oħra fil-Jemen jew għal kwalunkwe raġuni oħra konsistenti mal-objettivi tal-UNSCR 2140 (2014) u l-UNSCR 2216 (2015).";

(3) fl-Artikolu 13(1), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) fir-rigward tal-fondi ffriżati skont l-Artikolu 2 u l-awtorizzazzjonijiet mogħtija skont l-Artikoli 3a, 4, 5, 6 u 7;".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' April 2020.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. METELKO-ZGOMBIĆ

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/489

## tat-2 ta' April 2020

## li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħrajn tal-Balkani tal-Punent

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) u l-Artikolu 33 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Huwa kruċjali li jiġi intensifikat l-impenn tal-Unjoni fin-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kosovo * u l-impenn tal-Unjoni fil-Balkani tal-Punent.

(2) Jenħtieġ li jinħatar Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħrajn tal-Balkani tal-Punent għal perijodu ta' 12-il xahar.

(3) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-ksib tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

### Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea

Is-Sur Miroslav LAJČÁK huwa b'dan maħtur ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħrajn tal-Balkani tal-Punent mit-2 ta' April 2020 sal-31 ta' Marzu 2021. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li l-mandat tar-RSUE jintemm qabel, fuq il-bażi ta' valutazzjoni mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ).

*Artikolu 2*

### Objettivi ta' politika

Il-mandat tar-RSUE għandu jkun ibbażat fuq l-objettivi ta' politika tal-Unjoni li ġejjin fil-Balkani tal-Punent u għandu jkun konformi mal-politiki stabbiliti tal-Unjoni:

(a) l-ewwel u qabel kollox, li tinkiseb normalizzazzjoni komprensiva tar-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kosovo, li hija essenzjali għall-perkorsi Ewropej rispettivi tagħhom;

(b) li jitjiebu r-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u wkoll li tiġi promossa r-rikonċiljazzjoni;

(c) li jissaħħu l-viżibbiltà u l-effikaċja tal-Unjoni permezz tad-diplomazija pubblika;

(d) li jikkontribwixxi għall-unità, il-konsistenza u l-effikaċja tal-azzjoni tal-Unjoni fil-Balkani tal-Punent, kif adatt

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

*Artikolu 3*

**Mandat**

Sabiex jinkisbu l-objettivi ta' politika, il-mandat tar-RSUE għandu jkun:

(a) fir-rigward tal-qofol tal-mandat, li jiffaċilita f'isem ir-RGħ, id-Djalogu bejn Belgrad u Pristina f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, li jaħdem fuq in-normalizzazzjoni komprensiva tar-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kosovo permezz tal-konklużjoni ta' ftehim legalment vinkolanti li jindirizza l-kwistjonijiet pendenti kollha bejn il-partijiet f'konformità mad-dritt internazzjonali u li jikkontribwixxi għall-istabilità reġjonali, u li jissorvelja u jassisti kif meħtieġ il-ħidma tal-partijiet dwar l-implimentazzjoni ta' ftehimiet preċedenti li ntlaħqu fi ħdan il-qafas tad-Djalogu ffaċilitat mill-UE;

(b) barra minn hekk, kif adatt, li jaħdem lejn it-titjib tar-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u r-rikonċiljazzjoni bejn is-sħab fil-Balkani tal-Punent, filwaqt li jgħin biex jingħeleb il-legat tal-passat;

(c) li jimpenja ruħu b'mod attiv fit-tisħiħ tal-effikaċja u l-viżibbiltà tal-Unjoni fil-Balkani tal-Punent permezz tad-diplomazija pubblika, kif ukoll li jikkomunika u jippromwovi l-valuri tal-Unjoni u l-aġenda usa' tal-Unjoni għar-reġjun, kif adatt, filwaqt li jikkontribwixxi għal fehim usa' tal-kwistjonijiet relatati mal-Unjoni u l-appoġġ għalihom;

(d) li jaħdem b'mod koordinat u koerenti mal-isforzi kollha tal-Unjoni u mal-politiki ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tar-reġjun, kif ukoll ma' delegazzjonijiet tal-Unjoni, uffiċċji tal-Unjoni u b'mod partikolari ma' RSUE oħrajn fil-Balkani tal-Punent, u li jżomm kuntatt mill-qrib mal-Istati Membri;

(e) li jappoġġa l-ħidma tar-RGħ u l-attivitajiet tal-Unjoni fir-reġjun.

*Artikolu 4*

**Implimentazzjoni tal-mandat**

1. Ir-RSUE għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-mandat, filwaqt li jaġixxi taħt l-awtorità tar-RGħ.

2. Il-KPS għandu jżomm kollegament privileġġat mar-RSUE u għandu jkun il-punt ta' kuntatt primarju tar-RSUE mal-Kunsill. Il-KPS għandu jipprovdi gwida strateġika u direzzjoni politika lir-RSUE fil-qafas tal-mandat, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tar-RGħ.

3. Ir-RSUE għandu jaħdem f'koordinazzjoni u kooperazzjoni mill-qrib mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u d-dipartimenti rilevanti tiegħu.

*Artikolu 5*

**Finanzjament**

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE għall-perijodu mit-2 ta' April 2020 sal-31 ta' Marzu 2021 għandu jkun ta' EUR 1 200 000.

2. In-nefqa għandha tiġi amministrata f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

3. L-amministrazzjoni tan-nefqa għandha tkun soġġetta għal kuntratt bejn ir-RSUE u l-Kummissjoni. Ir-RSUE għandu jagħti rendikont lill-Kummissjoni għal kull nefqa.

*Artikolu 6*

**Formazzjoni u kompożizzjoni tat-tim**

1. Fil-limiti tal-mandat tar-RSUE u l-mezzi finanzjarji korrispondenti li jsiru disponibbli, ir-RSUE għandu jkun responsabbli li jifforma tim. It-tim għandu jinkludi kompetenza esperta dwar kwistjonijiet speċifiċi ta' politika kif rikjest mill-mandat. Ir-RSUE għandu jżomm lill-Kunsill u lill-Kummissjoni infurmati fil-pront dwar il-kompożizzjoni tat-tim.

2. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u s-SEAE jistgħu jipproponu l-issekondar ta' persunal biex jaħdem mar-RSUE. Is-salarju ta' tali persunal issekondat għandu jiġi kopert mill-Istat Membru, mill-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata jew mis-SEAE, rispettivament (l-"awtorità emittenti"). L-esperti ssekondati mill-Istati Membri għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew għas-SEAE jistgħu wkoll jiġu assenjati biex jaħdmu mar-RSUE. Il-persunal internazzjonali b'kuntratt għandu jkollu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru.

3. Il-persunal kollu ssekondat għandu jibqa' taħt l-awtorità amministrattiva tal-awtorità emittenti u għandu jwettaq dmirijietu u jaġixxi fl-interess tal-mandat tar-RSUE.

*Artikolu 7*

**Privileġġi u immunitajiet tar-RSUE u l-persunal tar-RSUE**

Dawk il-privileġġi, l-immunitajiet u l-garanziji l-oħra relatati mar-RSUE u l-membri tal-persunal tar-RSUE li huma meħtieġa għat-tlestija u l-funzjonament bla tfixkil tal-missjoni għandhom jiġu miftehmin mal-partijiet ospitanti, kif adatt. L-Istati Membri u s-SEAE għandhom jagħtu l-appoġġ kollu meħtieġ għal dan il-għan.

*Artikolu 8*

**Sigurtà ta' informazzjoni klassifikata tal-UE**

Ir-RSUE u l-membri tat-tim tar-RSUE għandhom jirrispettaw il-prinċipji ta' sigurtà u l-istandards minimi stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE ([1]).

*Artikolu 9*

**Aċċess għal informazzjoni u sostenn loġistiku**

1. L-Istati Membri, il-Kummissjoni u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandhom jiżguraw li r-RSUE jingħata aċċess għal kwalunkwe informazzjoni rilevanti.

2. Delegazzjonijiet u uffiċċji tal-Unjoni, jew l-Istati Membri, jew it-tnejn li huma, kif adatt, għandhom jipprovdu appoġġ loġistiku fir-reġjun.

*Artikolu 10*

**Sigurtà**

F'konformità mal-politika tal-Unjoni dwar is-sigurtà ta' persunal stazzjonat barra l-Unjoni f'kapaċità operattiva taħt it-Titolu V tat-Trattat, ir-RSUE għandu jieħu l-miżuri kollha raġonevolment prattikabbli, f'konformità mal-mandat tar-RSUE u abbażi tas-sitwazzjoni ta' sigurtà fiż-żona ta' responsabbiltà, għas-sigurtà tal-persunal kollu taħt l-awtorità diretta tar-RSUE, b'mod partikolari billi:

(a) jistabbilixxi pjan ta' sigurtà speċifiku bbażat fuq gwida mis-SEAE, inkluż miżuri ta' sigurtà fiżiċi, organizzattivi u proċedurali speċifiċi, li jirregolaw il-ġestjoni tal-moviment mingħajr periklu tal-persunal lejn iż-żona ta' responsabbiltà u ġewwa fiha, kif ukoll il-ġestjoni ta' inċidenti ta' sigurtà u pjan ta' kontinġenza u evakwazzjoni tal-missjoni;

(b) jiżgura li l-persunal kollu stazzjonat barra l-Unjoni jkun kopert b'assigurazzjoni ta' riskju għoli kif meħtieġ mill-kondizzjonijiet fiż-żona ta' responsabbiltà;

(c) jiżgura li l-membri kollha tal-persunal tar-RSUE li jkunu ser jiġu stazzjonati barra l-Unjoni, inkluż persunal ikkuntrattat lokalment, ikunu rċevew taħriġ adatt fir-rigward tas-sigurtà qabel jew kif jaslu fiż-żona ta' responsabbiltà, abbażi tal-livelli tar-riskju assenjati għal dik iż-żona mis-SEAE;

(d) jiżgura li r-rakkomandazzjonijiet maqbula kollha li jkunu saru wara valutazzjonijiet regolari ta' sigurtà jiġu implimentati u jipprovdi lir-RGħ, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapporti bil-miktub dwar l-implimentazzjoni tagħhom u dwar kwistjonijiet oħra ta' sigurtà fil-qafas tar-rapporti ta' progress u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-mandat.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).

*Artikolu 11*

**Rapporti**

Ir-RSUE għandu jipprovdi rapporti b'mod regolari lir-RGħ u lill-KPS. Ir-RSUE għandu wkoll jirrapporta lil gruppi ta' ħidma tal-Kunsill, kif ikun neċessarju. Ir-rapporti regolari għandhom jiġu ċċirkolati permezz tan-netwerk COREU. Ir-RSUE jista' jipprovdi rapporti lill-Kunsill Affarijiet Barranin. Ir-RSUE jista' jkun involut fl-għoti ta' informazzjoni lill-Parlament Ewropew.

*Artikolu 12*

**Koordinazzjoni u koerenza**

1. Ir-RSUE għandu jikkontribwixxi għall-unità, il-konsistenza u l-effikaċja tal-azzjoni tal-Unjoni u għandu jgħin biex jiġi żgurat li l-istrumenti kollha tal-Unjoni u l-azzjonijiet kollha tal-Istati Membri jintużaw b'mod konsistenti biex jinkisbu l-objettivi ta' politika tal-Unjoni. Għandu jfittex kuntatt mal-Istati Membri fejn ikun adatt. L-attivitajiet tar-RSUE għandhom jiġu kkoordinati kif adatt ma' dawk tal-Kummissjoni, l-ir-RSUE fil-Bożnija-Ħerzegovina u r-RSUE fil-Kosovo u l-Missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) fir-reġjun, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Kummissjoni, il-Kap tad-Delegazzjoni tar-RSUE u tal-Kap tal-Uffiċċju tar-RSUE. Ir-RSUE għandu jipprovdi informazzjoni b'mod regolari lill-missjonijiet tal-Istati Membri u lid-delegazzjonijiet u l-uffiċċji tal-Unjoni.

2. Fuq il-post, ir-RSUE għandu jżomm kuntatt mill-qrib mal-Kapijiet tad-delegazzjonijiet u l-uffiċċji tal-Unjoni fir-reġjun u mal-Kapijiet tal-missjonijiet tal-Istati Membri. Dawn għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jassistu lir-RSUE fl-implimentazzjoni tal-mandat. Ir-RSUE għandu wkoll iżomm kuntatt ma' atturi internazzjonali u reġjonali fil-kamp.

*Artikolu 13*

**Rieżami**

L-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u l-konsistenza tagħha ma' kontributi oħrajn mill-Unjoni għar-reġjun għandhom jiġu rieżaminati regolarment. Ir-RSUE għandu jippreżenta lir-RGħ, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport ta' progress sat-30 ta' Settembru 2020 u rapport komprensiv dwar l-implementazzjoni tal-mandat sal-31 ta' Jannar 2021.

*Artikolu 14*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' April 2020.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. METELKO-ZGOMBIĆ

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/490

## tat-2 ta' April 2020

## li temenda d-Deċiżjoni 2014/932/PESK rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/932/PESK ([1]) rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen.

(2) Fil-25 ta' Frar 2020, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 2511 (2020) fejn esprima tħassib dwar l-isfidi politiċi, ta' sigurtà, ekonomiċi u umanitarji li għaddejjin fil-Jemen, u tenna l-appell tiegħu biex il-partijiet kollha fil-Jemen isolvu d-differenzi tagħhom permezz ta' djalogu u konsultazzjoni.

(3) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 2511 (2020) tisħaq dwar l-importanza li tiġi ffaċilitata l-assistenza umanitarja u tistipula li l-Kumitat stabbilit mill-paragrafu 19 ta' UNSCR 2140 (2014) jista', skont il-każ, jeżenta kwalunkwe attività mill-miżuri ta' sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà fil-UNSCR 2140 (2014) u fil-UNSCR 2216 (2015) jekk il-Kumitat jiddetermina li eżenzjoni bħal din tkun meħtieġa biex tiġi ffaċilitata l-ħidma tan-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet umanitarji oħrajn fil-Jemen jew għal kwalunkwe skop ieħor konsistenti mal-objettivi ta' dawk ir-Riżoluzzjonijiet.

(4) L-UNSCR 2511 (2020) tafferma wkoll li l-vjolenza sesswali f'konflitt armat, jew ir-reklutaġġ jew l-użu ta' tfal f'konflitt armat bi ksur tad-dritt internazzjonali, jistgħu jikkostitwixxu att, kif speċifikat fil-paragrafu 18(c) tal-UNSCR 2140 (2014), u għalhekk att sanzjonabbli ta' involviment fi jew għoti ta' appoġġ lil atti li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tal-Jemen, kif deskritt fil-paragrafu 17 ta' dik ir-Riżoluzzjoni.

(5) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni biex jiġu implimentati ċerti miżuri f'din id-Deċiżjoni.

(6) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/932/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2014/932/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2a(1), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) l-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jiksru l-liġi internazzjonali applikabbli dwar id-drittijiet tal-bniedem jew il-liġi umanitarja internazzjonali, jew atti li jikkostitwixxu abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż vjolenza sesswali f'konflitt armat, jew ir-reklutaġġ jew l-użu ta' tfal f'konflitt armat li jiksru l-liġi internazzjonali, fil-Jemen; jew";

(2) fl-Artikolu 2b(1), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) l-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jiksru l-liġi internazzjonali applikabbli dwar id-drittijiet tal-bniedem jew il-liġi umanitarja internazzjonali, jew atti li jikkostitwixxu abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż vjolenza sesswali f'konflitt armat, jew ir-reklutaġġ jew l-użu ta' tfal f'konflitt armat li jiksru l-liġi internazzjonali, fil-Jemen; jew";

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/932/PESK tat-18 ta' Diċembru 2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen (ĠU L 365, 19.12.2014, p. 147).

(3) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 6a*

B'deroga mill-miżuri imposti mill-UNSCR 2140 (2014) u l-UNSCR 2216 (2015), dment li l-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun iddetermina skont il-każ li tkun meħtieġa eżenzjoni biex tiġi ffaċilitata l-ħidma tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' organizzazzjonijiet umanitarji oħrajn fil-Jemen jew għal kwalunkwe skop ieħor li jkun konsistenti mal-objettivi ta' dawk ir-Riżoluzzjonijiet, l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għandha tagħti l-awtorizzazzjoni meħtieġa.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' April 2020.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
A. METELKO-ZGOMBIĆ

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT